# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 25 ta' April 2001**

**Avviz. numru 1465/00**

**Numru 34**

**Roger Satariano & Son Limited**

**vs**

**Paul Sciberras f'ismu u ghan-nom ta' Dezaru Limited**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut pro et noe ghall-hlas tas-somma ta' seba' mija u hmistax-il lira Maltija, sebgha u erbghin centezmu (Lm715.47), liema ammont hu bilanc minn prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenajta lill-konvenut pro et noe fuq ordni tal-konvenut pro et noe stess skond il-ftehim datat 9 ta' Novembru 1998 li l-attur iffirma f'isem il-konvenut pro et noe u ghan- nom tal-kumpanija Dezaru Limited.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 3 ta' Dicmebru 1999 u bl-imghax legali mid-data tal-konsenja sal-pagament effettiv kontra l-konvenut pro et noe li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut pro et noe jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut pro et noe naqas u ma deherx fit-2 ta' April 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut pro et noe sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm715.47,0 bl-imghax legali mit-3 ta' Dicembru 1999 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-3 ta' Dicembru 1999.

Alan Calleja
Dep.Reg